C/2026/2979

29.5.2026

DEĊIŻJONI TAL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-18 ta' Mejju 2026

li temenda r-Regoli dwar l-aċċess għall-Parlament Ewropew

(C/2026/2979)

IL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW,

wara li kkunsidra l-Artikolu 25(2) u Artikolu 126 tar-Regoli ta' Proċedura,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Mejju 2025, il-Bureau tal-Parlament Ewropew adotta d-Deċiżjoni tiegħu dwar ir-Regoli dwar l-aċċess għall-Parlament Ewropew ([1]) (ir-"Regoli"), li tirregola l-aċċess għall-bini tal-Parlament Ewropew.

(2) F'konformità mal-Artikolu 2(6) tar-Regoli, il-viżitaturi mistiedna mill-Membri tal-Parlament Ewropew, inklużi l-Presidenti tal-gruppi politiċi u l-membri tal-Bureau, għandhom jiġu milqugħa f'waħda mid-daħliet tal-Parlament Ewropew u jkunu akkumpanjati f'kull ħin waqt li jkunu fil-bini tal-Parlament Ewropew jew mill-Membru li jkun ħareġ l-istedina jew mill-assistent akkreditat jew lokali ta' dak il-Membru.

(3) Sabiex tingħata flessibbiltà akbar lill-Membri u lill-uffiċċji tagħhom fil-ġestjoni u fl-akkoljenza ta' tali viżitaturi, it-trainees tal-Membri jenħtieġ li jiġu inklużi fost il-persuni awtorizzati biex jiltaqgħu mal-viżitaturi debitament irreġistrati minn qabel li jkunu ġew mistiedna mill-Membri u biex jakkumpanjawhom,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2 tar-Regoli, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-viżitaturi msemmija fil-paragrafi 4 u 5 għandhom jiġu milqugħa mill-Membru li jkun ħareġ l-istedina, mill-assistent ta' dak il-Membru jew mit-trainee ta' dak il-Membru f'waħda mid-daħliet tal-Parlament. Dawn għandhom ikunu akkumpanjati b'mod permanenti mill-Membru, mill-assistent ta' dak il-Membru jew mit-trainee ta' dak il-Membru matul il-perjodu kollu ta' żmien li jqattgħu fil-bini tal-Parlament."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU C, C/2025/2744, 12.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2744/2025-05-12.